# MALTA
# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tas-7 t' April 2016

Talba Numru: 706/2015

Numru fuq il-Lista: 5

**GO p.l.c. (C22334)**
f'isimha propju u a nom u in rappreżentanza tas-soċjeta`
**Mobisle Communications Limited (C24655)**
u b'digriet mogħti mit-Tribunal datat il-25 ta' Frar 2016
l-atti ġew leġittimizzati f'isem is-soċjeta` **GO p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**Michael Peter Busuttil**
K.I. 641758(M)

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-1 ta' Settembru 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi *proprio et nomine* talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' elf tmien mija u għoxrin ewro u erbatax-il ċenteżmu (€1820.14), ammont dovut in kwantu għal €112.79 in konnessjoni ma' servizz 79563322 bl-akkont numru AC51095863; €359.34 in konnessjoni ma' servizz 79221380 in konnessjoni ma' servizz bl-akkont numru AC51039826 u €1348.01 in

konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija fissa, internet u televiżjoni bl-akkont numru AC40147276. Fejn applikabbli, l-ammont fuq imsemmi jinkludi l-penalitajiet għat-terminazzjoni antiċipata tal-kuntratti.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut ippreżentata fl-1 t'Ottubru 2015, illi permezz tagħha huwa eċċepixxa:

1) Illi fl-ewwel lok, is-soċjeta` GO p.l.c. m'għandha l-ebda dritt tidher f'din il-kawża għan-nom tas-soċjeta` Mobisle Communications Ltd, illi hija soċjeta` separata nkorporata f'Malta u dana ai termini tal-artikolu 180(1)(a) tal-Kap.12;

2) Fit-tieni lok, u bla preġudizzju għas-suespost, l-ammont pretiż m'huwiex interament dovut u dan għal raġunijiet illi ser jiġu spjegati waqt il-kors ta' dina l-kawża;

Sema' lil **Simone Whiteman** in rappreżentanza tas-soċjeta` attriċi fejn dina kkonfermat illi ma sar l-ebda pagament mill-ammont pretiż mis-soċjeta` attriċi f'din l-azzjoni. Hija esebiet il-kuntratt tal-Home Pack Interactive. Spjegat illi s-soċjeta` attriċi m'hijiex titlob xi ħlas għal xi apparat għajr għall-mobile.

Ra illi fl-udjenza tal-14 ta' Jannar 2016, il-konvenut irtira l-ewwel eċċezzjoni tiegħu.

Sema' x-xhieda tal-**konvenut** fejn huwa spjega li f'April 2012 kien involut f'inċident stradali fejn weġġa saqajh u għalhekk ma setax jgħix fir-residenza tiegħu billi kellu ħafna taraġ. Mar jgħix għal ftit żmien mal-partner tiegħu u pprova jittermina s-servizz tal-home pack interactive mas-soċjeta` attriċi iżda ma rnexxilux jagħmel dan permezz tat-telefon.

Ikkonferma li huwa ma bagħat lil ħadd fil-fergħat tal-GO biex jaqta' s-servizz għan-nom tiegħu.

Ra d-dokumenti minnu esebiti.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ikkunsidra li minkejja l-allegazzjoni tal-konvenut li huwa għamel diversi tentattivi biex jaqta' s-servizz mas-soċjeta` attriċi, dana m'għamlux kif kien minnu meħtieġ biex effettivament jinqata' s-servizz u cioe billi jmur f'waħda mill-fergħat tal-

GO, iħallas il-bilanċi dovuti u jitlob li jaqta' s-servizz. Minkejja li għamel xi żmien fejn huwa ma setax jimxi, dan iż-żmien kien perjodu ta' ftit ġimgħat, u li se mai fl-istess żmien huwa seta' jibgħat persuna oħra għan-nom u in rappreżentanza tiegħu, anke bl-istrumenti li tagħtih il-liġi, bħal ma hija prokura. It-Tribunal huwa tal-fehma li ma nġiebet lilu mill-konvenut l-ebda raġuni valida fil-liġi għalfejn huma m'għandux iħallas l-ammont pretiż mis-soċjeta` attriċi.

Ikkunsidra wkoll illi l-konvenut huwa persuna mingħajr impjieg u li tgħix bl-għajnuna soċjali, bniedem li ġieli bata bid-dipressjoni u għalhekk kemmxejn fraġli.

It-Tribunal huwa dispost li jgħin lill-konvenut fiċ-ċirkostanzi tiegħu.

**Deċide**

Għar-raġunijiet hawn fuq esposti, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkondanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta' elf tmien mija u għoxrin ewro u erbatax-il ċenteżmu (€1820.14), u jikkondannah ukoll iħallas l-ispejjeż tal-kawża u tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u numerata 3646/12.

B'dana illi fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal jagħti l-fakolta` lill-konvenut iħallas tali ammonti permezz ta' pagamenti mensili f'ammont skont ix-xewqa u l-mezzi tiegħu. Pero' fin-nuqqas li l-konvenut jonqos li jagħmel pagament mensili għal tliet xhur konsekuttivi, huwa jitlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ammont dovut lis-soċjeta` attrici ikun pagabbli f'daqqa.

Ma jiddekorri ebda imgħax legali fuq l-ammont dovut mill-konvenut lis-soċjeta` attriċi sa żmien sentejn minn din is-sentenza.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur